MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 1213/2010

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Gan Patist Schiavone, iben Antonio, imwieled Bormla fit-2 ta’ Mejju, 1955, Karta ta’ l-Identita numru 326955(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-22 ta’ Mejju, 2007 u fix-xhur ta’ wara din id-data, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti misruqin ġejjin minn reat ta’ serq ikkwalifkat bil-valur li jiskorri l-ammont ta’ €232.93.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u l-oġġett in kwistjoni ġie ritornat. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------